THIRD PARTY APPEAL

ApF

# Anthony P. Farrugia LL.D. – ADVOCATE

3 November 2016

Lit-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar.
St. James Ravelin
Floriana.

Sinjuri,

Re: PA/02504/15 - 42, Sir Adrian Dingli Street, Sliema.

Dan huwa appell minn decizjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar tad-29 ta' Settembru 2016, u li qed jkun sottomess ghan-nom ta' l-Avukat Dottor Christian Farrugia, il-Perit Philip Farrugia, l-Avukat David Farrugia, u l-Avukat Martina Farrugia, s-sidien (rikonoxxuti) tal-fondi 40 u 41 Sir Adrian Dingli Street, Sliema, sottostanti il-fond fuq imsemmi li fil-konfront tieghu qed jintalab il-permess.

Illi l-imsemmija sidien jhossuhom aggravati mid-decizjoni fuq imsemmija u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1) bi ksur tal-Artikolu 33(e) tal-Kap 504 tal-Ligijiet ta' Malta, l-applikant falsament iddikjara li :

**"I am not the sole owner of the entire site (or part thereof) indicated on the site plan. However, I have notified (by registered letter a copy of which is attached) the owner/s of my intention to apply and the owner/s has/have granted consent to such a proposal."**

Illi jirrisulta bl-iktar mod car li mhux minnu li l-esponenti qatt gew notifikati kif tghid din id-dikjarazzjoni u wisq inqas huwa minnu li

huma b' xi mod taw il-kunsens taghhom ghall-isvilupp propost. Dwar dan l-Awtorita' giet debitament infurmata.

Illi id-dettami tal-Artikolu 33(e) tal-Kap 504 huma tassattivi ghaliex huwa intiz sabiex applikant ma jippromuovix process quddiem l-Awtorita' li ma tistax tkun attwata jekk ma jkunx hemm l-adezjoni ta' proprietarji rilevanti ghall-isvilupp.

Illi l-applikant jaccetta li l-arja tal-bini esistenti tal-applikant, li ghandha il-faccata fuq Sir-Adrian Dingli Street, Sliema, inti hu thares lejn is-sit fuq in-nofs ta' fuq ix-xellug, tappartjeni esklussivament lill-esponenti, kif ukoll l-arja kollha li tinsab fuq iz-zewg faccati l-ohra ta' Guze' Howard Street u Creche Street. Fil-fatt huwa korrettement fil-pjanti jindika din l-arja bhala "third party".

Din l-arja tal--esponenti tkopri approssimativament zewg terzi tal-arja kollha tas-sit.

Illi parti mill-isvilupp propost jinvolvi **"removal of existing dilapidated roof slabs and replacement with new r.c. slab ....",** li ghalhekk jfisser li l-applikant qed jipproponi li jnehhi l-art tal-bjut fejn l-esponenti ghandhom l-arja taghhom.

Illi in oltre fil-pjanti annessi mal-applikazjoni, l-applikant jonqos milli juri l-esistenza ta' zewg "wash-rooms" kbar, u trombi tat-tarag indipendenti li jghaddu minn gol-livell tal-fond tal-applikant u li jkunu kompromessi, jekk mhux distrutti li kieku kellu jsir ix-xoghol kif prospettat.

Vincenti Buildings, 25/25 Strait Street, Valletta. VLT1432 – Malta.
**Tel:** (+356)21222334 **Mob:**(+356)99497995 **Email:** afarrugia@legumservi.com
VAT No. 1380 9633

LegumServi

Illi mill-pjanti stess kif prezentati mill-applikant, jirrisulta li il-livell tas-"slab" madwar is-sit kollu, inkluz allura dak tal-esponenti, qed jigi propost li joghla b' xi tlett filati, u cioe' jincidi gol-arja tal-esponenti b' mod ghal kollox inaccettabbli.

Illi fid-dawl ta' dawn il-proposti in-notifika u kunsens tal-esponenti jiehdu xejra rilevantissimu.

Kontrarjament ghall-impressjoni li pprova jaghti l-applikant, dan mhux progett li qed jkun propost bil-kunsens u ghall-vantagg komuni.

Proprju l-oppost.

Il-proposta tal-applikant kif huwa car, tikkomprometti id-drittijiet indiskutibbli ta' proprieta' tal-esponenti, (ara insenjament ta' sentenza Qorti tal-Appell - Schembri vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar et - 17/2/2016) jillimita l-uzu tal-esponenti u mhux fattibbli minghajr il-kollaborazzjoni tal-esponenti.

Illi in oltre, li kieku ghall-grazzja tal-argoment l-isvilupp kellu jkun permess a skapitu tad-drittijiet ta' proprieta' tal-esponenti, jgib mieghu dislivelli imposti fuq ll-esponenti li jkollhom jalteraw il-faccata taghhom sabiex tkun konformi tal-pjantifikazzjoni li qed jipproponi l-applikant, meta il-parti tal-arja li tappartjeni lill-esponenti m' ghandhiex dawn il-limitazzjonijiet.

Vincenti Buildings, 25/25 Strait Street, Valletta. VLT1432 – Malta.
**Tel:** (+356)21222334 **Mob:**(+356)99497995 **Email:** afarrugia@legumservi.com
VAT No. 1380 9633

Illi l-isvilupp kif propost jservi sabiex jiskoraggixxi l-isvilupp tal-ispazju fl-arja li jithalla jekk jigi permess l-isvilupp lamentat, anzi dan l-isvilupp b' mod ingust ghal kollox jservi sabiex jisvantagga l-isfruttament shih tal-arja tal-esponenti.

Illi ir-risultanti "pencil development" li jirrisulta mill-isvilupp propost, ghalhekk mhux facilment rimedjabbli, anzi huwa aktarx huwa irrimedjabbli, u l-isvilupp ma joffri l-ebda soluzzjoni ghal xi rimedju futur.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi umilment jitlob li dan it-Tribunal jhassar id-decizjoni appellata bl-ispejjes kontra l-applikant.

Anthony P. Farrugia, LL.D.

Vincenti Buildings, 25/25 Strait Street, Valletta. VLT1432 – Malta.
**Tel:** (+356)21222334 **Mob:**(+356)99497995 **Email:** afarrugia@legumservi.com
VAT No. 1380 9633